# Il-Ħuttafa

Numru **155**

Novembru – Diċembru 2019



**Blonġun Sekond**

€2 għal min mhux membru

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf


Aron Tanti

**Bufula Sewda**, (Sardinian warbler) tiffanga fil-frott tad-deru (lentisk).

mill-editur

# Ħbieb Ħuttaf . . .

Meta nistaqsi studenti x'ġid jagħmlu s-siġar, ħafna minnhom iwieġbu:

"Nieħdu l-karti!"

U iva orrajt veru li mis-siġar nieħdu l-karti, imma x'waħdadin dik l-ewwel ħaġa li tiġi f'moħħna? Donnhom is-siġar qegħdin hemm jistennew biex isiru pitazzi u tissues!

Ar'hemm żu ħa ngħidilkom jien x'ġid jagħmlu s-siġar!

Is-siġar jieħdu mill-arja ħafna *carbon dioxide*, il-gass li qed isaħħan il-klima tad-dinja. Is-siġar huma l-aqwa fabriki li bihom nistgħu nsolvu l-problema tal-klima.

Is-siġar jipproduċu ħafna ossiġnu, il-gass li l-annimali u aħna l-bnedmin għandna bżonn biex nieħdu n-nifs – il-famuża "arja tajba".

Mill-weraq tas-siġar joħroġ ħafna fwar tal-ilma. Fejn hemm foresti kbar (bħal rain forests) dal-fwar jifforma sħab ta' nida li jżomm l-arja umda.


Victor Falzon

Is-siġar huma l-ħabitat għal eluf ta' speċi ta' insetti, brimb, dud, bebbux, għasafar, mammiferi, rettili, amfibji, fungi, likeni, ħażiż u anke pjanti oħra.

Is-siġar jipproduċu ħafna weraq, fjuri, frott u żrieragħ li huma l-ikel ta' miljuni ta' annimali.

Il-weraq li jaqa' mis-siġar jifforma terriċċju (kompost) eċċellenti u jsaħħaħ il-ħamrija bis-sustanzi.

Is-siġar jagħtu lil ħafna annimali kenn mill-maltemp, mix-xita, mir-riħ u mir-raġġi qawwija tax-xemx. Is-siġar joffru wkoll moħba lil ħafna annimali biex jaħarbu mill-predaturi.

Is-siġar huma post perfett biex fihom ibejtu ħafna annimali, fosthom eluf ta' għasafar. Jipprovdu wkoll materjal bħal zkuk u weraq niexef għall-bini tal-bejtiet.

L-għeruq tas-siġar jorbtu l-ħamrija u ma jħalluhiex tinġarr mix-xita. Il-weraq tas-siġar jieħdu fuqhom il-qilla tax-xita u jipproteġu l-art milli titmermer u titkaxkar. Is-siġar iwaqqfu l-firxa tad-deżert.

Is-siġar jispirawna u jsaħħruna. Fihom għaxqa tħares lejhom, timxi taħthom, tmiss dak iz-zokk oħxon li forsi jgħodd il-mijiet tas-snin, tisma' t-tħaxwix tal-weraq u timla l-pulmun bl-arja safja.

Kos mhux karti biss mela!

Ħobbuhom is-siġar, ħbieb. U kull ċans li jkollkom ħawlu iktar minnhom.

Il-Milied it-Tajjeb.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Aron Tanti

**Blonġun Sekond** Black-necked Grebe *Podiceps nigricollis*

Il-blonġun sekond huwa wieħed minn tliet speċi ta' blonġuni li jżuru Malta. Jgħix ħajtu kważi kollha fl-ilma – fil-fatt fuq l-art ibati ftit biex jimxi. Huwa għasfur tal-għadajjar, xmajjar u bajjiet kennija. F'daż-żmien tas-sena fir-riservi naturali tal-Għadira, Is-Simar u s-Salina spiss ikun hemm xi tlieta jew erbgħa jgħaddu x-xitwa jgħoddsu għall-ħut u l-gambli.



# F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| Mill-editur | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Iz-zakak abjad | 4 |
| Wiċċinu | 5 |
| Żokret l-għaġuża | 5 |
| Amy's Diary | 6 |
| Isimhom leħinhom | 7 |
| Il-buċaqq tax-xitwa | 8–9 |
| Lionfish | 10 |
| Little Hedgehog Lost | 11 |
| Your art | 11 |
| Environmentalist at Christmas | 11 |
| Il-fras-servjent | 12–13 |
| Winter is coming... | 14–15 |
| Skiet u Dlam fid-Dwejra | 16 |


## Kitbu f'dil-ħarġa

Thais Amaral (National Aquarium), Desirée Falzon, Victor Falzon, Claudette Pace (BOV), Marie Vella (BOV)

## Klabb

Klabb Ħuttaf is the junior section (-18yrs) of BirdLife Malta. Members can attend many activities, including walks, visits to nature reserves, boat trips and environmental work. Members received by post the bi-monthly magazine *Il-Ħuttafa*. Families too can become members, and will then also receive the quarterly adult members' magazine *Bird's Eye View*. Subscription is €10 per annum for Klabb Ħuttaf and €29 for Family.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
indirizz **57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
imejl **info@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Diċembru 2019

Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop
Reg.Vol.Org. VO/0052

# Gawwi bir-rimi!

Għal ftit berdwoċing bis-sens, aqbżu qabża sas-Salina dix-xitwa. Dan ir-ritratt ittieħed ftit ġimgħat ilu, u kif taraw is-salini qed ikunu kuljum invażati għasafar – fil-biċċa l-kbira gawwi (xi erba' jew ħames speċi) imma anke agretti bojod, blonġuni sekondi, marguni u forsi xi russett griż u pispisell. Biex tkunu komdi hemm ħajd apposta fejn tistgħu toqogħdu bilqiegħda tgawdu x-xena. Jekk għandkom tromba ħuduha magħkom.




Aron Tanti

# Kburin u bir-raġun!



Svitlana Shevchuk

Nhar is-26 Novembru 2019 saret l-Għotja tal-Premjijiet Dinja Waħda. Fiċ-Ċentru tax-Xjenza Esplora nġabru tfal u għalliema minn 97 skola primarja u 5 skejjel sekondarji. Inġabru biex jingħataw il-premju għall-attivitajiet Dinja Waħda li għamlu matul is-sena skolastika li għaddiet. Fir-ritratt jidhru xi tfal li attendew, kburin iħaddnu t-trofew jew iċ-ċertifikat li ħadet l-iskola tagħhom. Grazzi kbira lill-istudenti u l-għalliema kollha, lit-tim Education tal-BirdLife, lill-Esplora li offrewlna l-post u l-faċilitajiet eċċellenti tagħhom, u lil Bank of Valletta l-isponsor ta' Dinja Waħda.

Dinja Waħda

Il-Ħuttafa 155 • Diċembru 2019 • p4

Qatt innutajt fix-xitwa għasfur żgħir iswed u abjad jippassiġġa fil-bitħa tal-iskola, jew f'xi parkeġġ tal-karozzi? Jekk le, ibda fittex f'wesgħat u pjazez, jew fuq bankini mal-ġnub tat-triq, u aktarx tara z-

# Zakak Abjad

Desirée Falzon

isem bl-Ingliż
**White Wagtail**
Isem xjentifiku
***Motacilla alba***



Meta jtir għandu għajta *Ċisik! Ċisik!* Minn hawn ġej l-isem **zakak**!




## Biex jaħarbu l-bard!

Iz-zizka bojod jiġu Malta fil-ħarifa biex jaħarbu l-kesħa tan-Nord, fejn ma jsibux x'jieklu. Ħafna jinfirxu mal-kampanja jnaqqu dud u insetti mill-ħamrija, oħrajn iħufu fil-pjazez, parkeġġi u btieħi kbar fl-abitat tan-nies. Fuq art lixxa jaraw sew u jkunu jistgħu jiġru wara l-insetti bla xkiel. Forsi l-griż ta' daharhom jgħinhom xi ftit għax jaqbel mal-kulur tal-art! Post favorit huwa fejn jiffurmaw għadajjar tal-ilma xita, għax hemm iktar ċans li jsibu nemus, eċċ.

Ritratti Aron Tanti • Tpinġija Victor Falzon




## Bdil fl-uniformi!

Kull sena l-għasafar ibiddlu r-rix. Ir-rix tax-xitwa spiss ikun inqas ikkulurit. Meta jaslu Malta fil-ħarifa, iz-zizka jkunu aktarx diġà bil-libsa l-ġdida għax-xitwa. Ir-rix tax-xitwa jkun inqas iswed taħt il-geddum. San ma jaslu biex jerġgħu jpassu lura fir-rebbiegħa, ħafna zizka jkunu diġà qed jerġgħu jbiddlu r-rix, u jiżdied l-iswed taħt geddumhom.




## Jimxi u jbandal!

Bħall-għasfur tal-bejt, iz-zakak abjad spiss jinżel fl-art, imma faċli tagħrafhom minn xulxin, anke mill-bogħod! Għax iz-zakak **jimxi**, mhux **jaqbeż** bħall-għasfur tal-bejt. Mhux biss, imma mal-pass ibandal dak denbu twil 'il fuq u 'l isfel. Għalhekk bl-Ingliż jgħidulu "wagtail".

## Kif nista' ngħin liz-zakak?

Kultant xi kunsilli lokali jiddeċiedu li jiżbru s-siġar tal-pjazez bil-goff fl-eqqel tax-xitwa. Jekk fis-siġar ikun hemm roost ta' zizka, dawn l-imsieken għasafar ħa jsibu ruħhom f'daqqa waħda bla kenn, u ħafna jmutu bil-kesħa. Għalhekk kun berdwoċer u ċċekkja hemmx roost fir-raħal tiegħek u **informa lill-BirdLife fil-pront**. Il-BirdLife imbagħad tħajjar lill-kunsill biex iż-żbir iħalluh għal wara li jitilqu z-zizka.



## Raqda komunali!

Filgħaxijiet iz-zakak abjad jinġabar f'numri kbar biex jorqod f'postijiet ngħidulhom **roosts**. Dawn ikunu xi pjazza b'siġar folti fejn iz-zizka jistaħbew qalb il-weraq u jitgeddsu kontra l-kesħa. L-ikbar roost taz-zizka f'Malta qiegħda fi Pjazza Assedju fil-Belt Valletta. Kull sena l-BirdLife tgħodd iz-zizka bojod li jorqdu f'dal-post. F'Jannar 2019 għoddejna total ta' **14,475** – rekord assolut!






# Wiċċinu

Aħbarijiet sbieħ u koroh mid-dinja tal-ambjent

## Nirien kbar



L-Awstralja bħalissa għandha l-ikbar nirien ta' foresti li qatt jiftakru. Tant infirxu n-nirien li l-forzi tat-tifi tan-nar qed jaqtgħu qalbhom li jikkontrollaw l-inċendji. Bħalissa hemmhekk sajf, għalhekk ftit hemm ċans ta' xita biex titfi n-nirien. Miljuni ta' annimali, fosthom eluf ta' koalas, sfaw vittmi ta' dawn in-nirien. S'issa nħarqu xi **2.7 miljun ettaru**, medda art kważi daqs l-Italja. Tgħid tort tal-bdil fil-klima?

## Miljuni ta' żwiemel




Barra għadam tat-tigri u elf ħaġ'oħra, iċ-Ċiniżi jużaw ukoll żwiemel tal-baħar fil-mediċini tradizzjonali (li ħafna minnhom ma jiswew xejn). Minħabba din il-kilba, kull sena jinqabdu xi **37 miljun żiemel tal-baħar**. Dawn jinbiegħu mnixxfin liċ-Ċiniżi minkejja li suppost protetti mis-CITES. Is-sajd bla kontroll huwa wkoll problema kbira. Xi speċi qegħdin fil-periklu ta' estinzjoni.

## Kien mitluf reġa' nstab



Spiss naqraw li annimali qed isiru estinti. Kemm hu sabiħ meta kultant taqra li annimal li kien maħsub estint jerġa' jinstab! Wieħed minn dawn huwa s-**silver-backed chevrotain** *Tragulus versicolor*, speċi ta' ċerva żgħira daqs fenek. Dan l-annimal kien ilu 30 sena ma jidher u kulħadd kien ħaseb li nqered. Imma ftit ilu naturalisti li kellhom kamera awtomatika armata f'foresta fil-Vjetnam sabu l-kamera b'sensiela ritratti ta' dan l-annimal!

Is-CITES huwa ftehim bejn 183 pajjiż tad-dinja biex jikkontrollaw il-bejgħ u x-xiri ta' pjanti u annimali rari, jew partijiet minnhom. Il-pajjiżi li ffirmaw dan il-ftehim mhux suppost iħallu lil min jimporta jew jesporta dawn l-affarijiet.

Malta ffirmatu dal-ftehim?

Iva!

# Niltaqgħu ma'...



Victor Falzon

## żokret l-għaġuża

**Iż-żokret l-għaġuża hija pjanta żgħira li ftit tispikka, u lanqas ma ssibha tikber kullimkien. L-ambjent favorit tagħha huma ħitan tas-sejjieħ li ma tantx jaraw xemx (pereżempju dawk li jħarsu lejn it-tramuntana). Għandha weraq tond u mlaħħam, bi speċi ta' ħofra baxxa fin-nofs (għalhekk dak l-isem stramb!) Għal Marzu tiftaħ bukketti fjuri żgħar fuq frieghi li jikbru weqfin minn qalb il-weraq.**



Victor Falzon (mill-ktieb *Flora u Fawna ta' Malta*)

Mhux bil-Malti biss jisimha żokra! Bl-Ingliż **navelwort**, bit-Taljan **ombelico di Venere**, bil-Franċiż **nombril-de-Vénus**, bil-Ġermaniż **Venusnabel**, bil-Latin ***Umbilicus horizontalis***.




**Birds of Malta**

**A memory game from BirdLife Malta**

**€9.75**

Available from BirdLife outlets or online at **www.birdlifemalta.org**

Sibtha komda għall-Milied, għax xtrajt waħda għal kull wieħed u waħda min-neputijiet.

# AMY'S DIARY




Heyyy Ħuttafers,

A very excited Amy here!

I was just finishing my Christmas Card for my school's competition. Isn't my Robin adorable? Did you know that little tiny Robins fly all the way from cold Russia to Malta?! Nannu Joe even helped me build a bird table in the hope that one will show up and settle in our garden.

Christmas is my absolute favourite! The decorations, the school concert, Panto, and (shhhh) the presents!!!

I've asked for a bike from Santa this year... fingers crossed :) My family is trying not to use the car as much, and start cycling instead. It will keep us healthy and reduce harm to our environment. I think grandma and all will give me money. Might not sound very exciting, but for me it's GRAND – I really want to save up for that Sicily trip Birdlife is organising for us members!

It will probably be too much for my little savings piggy bank Travvy, to hold all the money at one go (at least I hope so!), so I will ask Dad to take me to the BOV ATM and show me how to deposit my money! I thought that ATMs only gave you money, but apparently you can also put money in them and it goes straight into your bank account! How cool is that!




(travel money)




I hope Travvy won't be too grumpy about me depositing my Christmas money into the BOV ATM. I think this year I might have a couple of angry piggy banks! Donny, my charity piggy bank, always feels a little left out during Christmas. At school we are taking part in the L-Istrina BOV Piggy Bank Campaign to raise funds for the Malta Community Chest Fund Foundation, so I will be putting Donny's share into the school's piggy bank!

That's it from me this year! I wish you all a lovely Christmas and speak to you in 2020

Peace Out
Amy



Donny
(money to Donate)

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta). BOV CashlinkMALTA is available to persons over 16 years, loans are available to persons over 18 years. Other Terms and Conditions apply and can be accessed on www.bov.com.

BOV
Bank of Valletta

# Isimhom leħinhom!

L-għasafar għandhom ħafna ismijiet strambi. Fost l-iktar ismijiet strambi huma dawk li ssemmew għall-għajta tagħhom. Kull lingwa għandha ismijiet hekk, u fil-Malti xejn inqas. Hawnhekk ħa niltaqgħu ma' disa' għasafar li isimhom bil-Malti jixbah xi ftit l-għajta tagħhom.



Ġaħġaħ
Tree Sparrow
Aron Tanti



Zakak (Abjad)
(White) Wagtail
Aron Tanti



Diżż
Tree Pipit
Aron Tanti



Kwakka
Night Heron
Ray Vella






Gurlin
Eurasian Curlew
Aron Tanti



Pispisella
Common Sandpiper
Aron Tanti

Sintendi dawn l-ismijiet mhumiex il-ħoss eżatt li jagħmlu. Biex tisma' l-għajta vera tagħhom mur fil-websajt **www.xeno-canto.com** u ttajpja l-isem (bl-Ingliż) fejn għandek **Search recordings**.



Ċewċewwa
Greenshank
Ray Vella



Pespus
Meadow Pipit
Aron Tanti



Buċaqq (tax-Xitwa)
European Stonechat
Aron Tanti

# Buċaqq tax-Xitwa

European Stonechat *Saxicola torquatus*



Ritratt ta' Aron Tanti meħud fil-Park tal-Majjistral

# Poster Il-Ħuttafa



# LIONFISH INVASION

## THEY ARE BEAUTIFUL, BUT WATCH OUT!

MALTA NATIONAL AQUARIUM

### WHY?
### THEY HAVE VENOMOUS SPINES USED FOR SELF-DEFENCE
(they do not hunt with them).



The sting is quite painful and, even though it is not deadly, it can cause a person to get very sick!

### WHAT TO DO IF STUNG?

Remove any spines left and soak the wound in heated water for at least 30 minutes.

### WHY ARE THEIR INVASIONS A PROBLEM?

They are carnivorous predators that can eat anything they fancy! Besides that, lionfish are not recognised as food by the local species in invaded areas (like sharks, for example), so... no one eats them!





### WHERE DO THEY COME FROM?

Tropical, warm waters from the Indo-Pacific Ocean and Red Sea. But now, due to CLIMATE CHANGE, it is getting warmer and they are able to survive and invade all the seas around the world through ballast water and aquarium trade. This includes the Mediterranean, and they have arrived in Malta too!

### WHAT CAN WE DO?

In some countries people eat lionfish and they are considered a delicacy. This practice is also SUSTAINABLE in areas where their invasion needs to be controlled. Hunting and banning their import for aquariums is also another option!

 WWW.AQUARIUM.COM.MT

# Little Hedgehog Lost!

Victor Falzon



Can you help Mummy Hedgehog find her little boy?



If you have drawings that you would like us to publish in our magazine, email them here: education@birdlifemalta.org



**Frog**
Emily Marie Vella (7)

**What do you get if you eat Christmas decorations?**
**Tinsilitis!**



# How to be an Environmentalist at Christmas



Stop using coloured wrapping paper. Go for brown paper with a small card/tag. Remember – all that wrapping will be thrown away.



Eat less meat this Christmas. To produce meat wastes lots of energy and takes up lots of space. It's not nice for the animals either!

Give your friend a gift membership in Klabb Ħuttaf! That way you can learn about nature together and attend activities together.



Never **NEVER** give animals as presents! Hundreds of kittens and puppies get thrown out a few days after Christmas. How sad!



Make your own Christmas decorations using fallen pine cones, poinsettia flowers, twigs, etc. Later they can go in the compost bin!



Don't send paper Christmas cards, send e-cards. Whole forests get chopped down every year, just to be turned into Christmas cards!



Don't leave Christmas lights on all night. Get a timer and set it to turn them off soon after you all go to sleep!

More information about BirdLife Malta events at our website
www.birdlifemalta.org/events/



Aron Tanti

Victor Falzon

# Il-Fras-servjent

## Il-ballerin tax-xtut

**Għasfur spettakolari li sa 10 snin ilu ftit konna nobsru li għad ibejjet f'pajjiżna**

**Munqar donnu pinzetta twila rqiqa, perfett biex jaqbad priża żgħira mill-ilma bla ma tizloqlu**

**Dahar iswed tuta u jleqq juri li dan huwa raġel – l-iswed fuq dahar il-mara jkun mitfi u jagħti fil-kannella**

**Saqajn twal ħafna, li bis-saħħa tagħhom kapaċi jimxi f'ilma fejn tajr b'saqajn iqsar ma jlaħħqilhomx. Dawn is-saqajn taw l-isem xjentifiku *himantopus*, li ġej mill-Grieg *himas* (strippa jew ċinga) u *pous* (sieq)**

Isem xjentifiku *Himantopus himantopus*
Isem bl-Ingliż Black-winged Stilt
Daqs 33-36ċm Piż 160g
Ikel ħniex tal-ilma, gambli, ħut żgħir
Ħabitat Xtut ramlin u għadajjar baxxi
Status Ipassi frekwenti fir-rebbiegħa u l-ħarifa, xi ftit pari bdew ibejtu mill-2011 'l hawn.

Jekk trid titgħallem iktar fuq l-għasafar li jbejtu f'Malta **The Breeding Birds of Malta** huwa l-ktieb għalik. Għall-bejgħ mill-BirdLife u xi ħwienet tal-kotba.


Charles Coleiro


Victor Falzon

Id-daqs proprju ta' bajda tal-fras-servjent

Il-fras-servjent jibni l-bejta fl-art imdawra b'xi zkuk u ħuxlief. Fiha l-mara tbid 3-4 bajdiet u ż-żewġ ġenituri joqogħdu fuqhom, isaħħnuhom u jindukrawhom.

Il-bajd ifaqqas wara xi 25 jum


Aron Tanti

Fellus ta' ftit ġranet – il-flieles jitilqu jimxu hekk kif ifaqqsu!


Aron Tanti

Ferħ ta' ftit ġimgħat u li aktarx diġà jtir

Il-ġenituri jħarsu sew lil uliedhom u ma jħalluhomx mument weħidhom. Filgħaxija ż-żgħar jinġabru jitgeddsu qalb ir-rix ta' missierhom u ommhom.



Aron Tanti


Nicholas Galea

Il-fras-servjenti jkeċċu kull annimal li jersqilhom lejn il-bejta jew lejn uliedhom. Hawnhekk jidher ir-raġel qed ikeċċi par kuluverti.

Aron Tanti

# WINTER IS COMING



VICTOR FALZON

For people who live in northern countries winter is the cold dark season. The sun hardly shows, the ground gets covered with snow, and the ponds, lakes and rivers freeze. The trees drop their leaves, reptiles and mammals hide away and hibernate, and most of the birds fly away to warmer lands.

But here in Malta, winter is the season when much of nature wakes up! So put your woollies on and get outdoors to enjoy some cool nature.



Victor Falzon

Some trees do drop their leaves and go to sleep in Malta too. As the leaves dry up, they change into lovely yellow, orange and brown colours. Look at the **tamarisk** (bruka) shrub in the picture. Isn't it just beautiful?

Snails just love winter. Watch them come out at night and patrol the wet paths and walls looking for a juicy leaf to nibble.



Desirée Falzon

**Garden snail** (għakrux)

Victor Falzon



After the dry summer, the rain in autumn gets plants to wake up and start growing new leaves. Here's the **sea squill** (għansar) with nice new bunches of fleshy leaves. You will surely meet these if you go walking in rocky places, but to see the flowers you'll have to wait for summer!

Victor Falzon



Mushrooms love shady, damp places. So autumn and winter are a great time to look out for them. We have hundreds of species. This tiny Smurfy bunch growing out of pine needles are called **parasola**.



Aron Tanti



Victor Falzon

This pretty black bird with lots of white spots is a **starling** (sturnell). Starlings love to stay in big groups, sometimes with thousands of birds in a flock, like you see in the other picture. These big flocks of starlings only stay with us for winter. In spring they all fly north again.

How many starlings do you think there are in that flock? Quite a lot, and the picture didn't even capture all the flock!

Many of our wild flowers open in winter. Here are three common wild flowers that brighten up our countryside as they wait for you to discover them!



**Annual daisy**
(bebuna)
Desirée Falzon



**Red campion**
(ilsien l-għasfur)
Victor Falzon



**Borage**
(fidloqqom)
Victor Falzon



Aron Tanti

Many gulls flock to our harbours in winter. Some are common and some are scarce, like these two here. The one in the water is a **slender-billed gull** (gawwija munqarha rqiq) and the one pestering it is a **little gull** (gawwija żgħira).



Aron Tanti

Thousands of **robins** (pitirross) fly to Malta and spend the winter here, singing in our gardens as they catch insects and gobble up berries. Winter here is so much nicer than in frozen-solid Russia!



Frogs like nothing better than to splash around in ponds, catching flies and mosquitoes. So they are happiest in winter, when the rain makes lots of ponds and streams in our valleys. The Maltese frog is called the **painted frog** (żrinġ) because it has like splotches of paint all over its body. Here's one happy froggy sitting on **duckweed** (lemna) floating in a freshwater pond. When the ponds begin to dry up in spring, the frogs dig a hole in the mud and go to sleep. Clever, eh!



Victor Falzon

Aron Tanti

# Ikomplu jsaltnu s-skiet u d-dlam fid-Dwejra



## Rebħa għan-natura!

Mela xi ħadd għajnejh ikbar minn żaqqu applika biex ikabbar ristorant fid-Dwejra (f'Għawdex). Proġett bħal dan ifisser iktar bini, iktar dwal, irwejjaħ, skart, mużika, storbju u tfixkil mill-bniedem.

Issa d-Dwejra hija post speċjali għan-natura. Hija fil-fatt Sit Natura 2000, post protett fejn ċertu żvilupp ma jistax isir, speċjalment jekk joħloq dwal u storbju. Għalhekk il-permess għall-bini tar-ristorant għall-ewwel ma ħariġx. Imma xi għorrief qalbu din id-deċiżjoni u ħarġulu l-permess.

Meta semgħu b'din l-aħbar, ħafna nies li jħobbu n-natura rrabjaw u nkwetaw. Imma li tirrabja u tinkwieta mhux biżżejjed. Għalhekk il-BirdLife għamlet ġabra biex tkun tista' ttella' l-każ il-qorti u **f'jumejn inġabru €3000**! Dan sar bl-għajnuna tal-publiku u ta' 14-il għaqda ambjentali oħra.

**Ftit ġimgħat ilu l-każ irbaħnieh!** Jiġifieri r-ristorant mhux ħa jitkabbar u d-Dwejra ħa tibqa' tgawdi l-kwiet u d-dlam kif suppost.

Din kienet rebħa kbira għan-natura u għal min għandu l-ambjent għal qalbu – bħalkom il-membri ta' Klabb Ħuttaf u tal-BirdLife.

Prosit lil kulħadd!




Joe Sultana

Iċ-ċief ibejjet fl-irdumijiet tad-Dwejra u għandu bżonn id-dlam u l-kwiet.




Aron Tanti

Il-merilli jbejtu fl-irdumijiet tad-Dwejra u l-preżenza tal-bniedem tgerrixhom.

**L-għaqdiet li ħadmu biex salvajna d-Dwejra**

Bicycle Advocacy Group • BirdLife Malta • Din l-Art Ħelwa • Flimkien għal Ambjent Aħjar • Friends of the Earth Malta • Isles of the Left • Light Pollution Awareness Group • Moviment Graffitti • Nature Trust-FEE Malta • Ramblers Association • The Archaeological Society Malta • The Astronomical Society of Malta • The Institute of Space Sciences and Astronomy (ISSA) • Wirt Għawdex • Żminijietna - Leħen ix-Xellug